A.L. 261 tal-2010

ATT DWAR IS-SERVIZZI VETERINARJI (KAP. 437)

Regolamenti tal-2010 dwar Nagħaġ u Mogħoż tar-Razza Pura għat-Tgħammir

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 34(ċ) tal-Att dwar is- Servizzi Veterinarji, il-Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali għamel dawn ir-regoli li ġejjin:-

Titolu u skop, u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2010 dwar Nagħaġ u Mogħoż tar-Razza Pura għat-Tgħammir.

A.L. 291 tal- 2003.

(2) L-iskop ta' dawn ir-regolamenti hu li jimplimentaw id-disposizzjonijiet li jinsabu taħt id-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 89/361/KEE dwar nagħaġ u mogħoż tar-razza pura għat-tgħammir. Dawn ir-regolamenti jkopru problemi żootekniċi li jistgħu jitfaċċaw fil-kummerċ ma' Stati Membri f'nagħaġ u mogħoż tar-razza pura għat-tgħammir u s-semen, l-ova u l-embrijuni tagħhom.

Tifsir.

2. (1) Kemm–il darba ma jiġix stabbilit xort'oħra f'dawn ir-regolamenti, t-tifsiriet fl-Att għandhom jibqgħu japplikaw.

(2) Għal fini ta' dawn ir-regolamenti u kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:

"l-Att" tfisser l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji;

"l-Awtorita` kompetenti" tfisser l-Awtorita` dwar is-Servizzi Veterinarji f'Malta kif imwaqqfa bl-Att;

"il-Komunita`" tfisser il-Komunita` Ewropea kif imwaqqfa bit-Trattat li jistabbilixxi l-Komunita` Ewropea;

"ktieb tal-merħla" tfisser kull ktieb, reġistru inkartament jew mezz ta' data -

(a) li jkun miżmum jew minn assoċjazzjoni ta' min ikun qiegħed irabbi uffiċjalment approvata minn Malta jew fi Stat Membu li fih dik l-assoċjazzjoni tkun stabbilita jew minn servizz uffiċjali ta' Malta jew tal-iStat Membru in kwistjoni;

(b) li fih nagħaġ ta' razza pura għat-tnissil jew mogħoż ta' razza speċifika ikunu mdaħħla jew ikunu reġistrati b'referenza għall-antenati tagħhom;

"kummerċ" tfisser kummerċ bejn Stati Membri jew bejn pajjiz terz u Stat Membru f'annimali u l-prodotti tagħom, negozju jew impjieg biex isir profitt jew qliegħ, b'mod partikolari f'bejgħ bl-ingrossa jew bejgħ bl-imnut u tinkludi ftehim f'xi attivita` ta' negozju partikolari;

"nagħaġ u mogħoż ta' razza pura għat-tnissil" tfisser kull nagħġa jew mogħża, li l-ġenituri u n-nanniet tagħhom ikunu mdaħħla jew reġistrati fi ktieb tal-merħla ta' l-istess razza u li huma stess ikunu mdaħħla jew reġistrati u eliġibbli għad-dħul;

"pajjiż terz" tfisser pajjiż li ma jkunx stat membru tal-Unjoni Ewropea;

"Stat Membru" tfisser stat li jkun membru fl-Unjoni Ewropea.

Kummerċ ma' Stati Membri f'nagħaġ u mogħoż ta' razza pura għat-tgħammir.

3. F'Malta, dan li ġej m'għandux ikun projbit, ristrett jew miżmum għal raġunijiet żootekniċi:

(a) kummerċ ma' Stati Membri f'nagħaġ u mogħoż ta' razza pura għat-tnissil u s-semen, l-ova u l-embrijuni tagħhom;

(b) l-approvazzjoni uffiċjali ta' organizzazzjonijiet ta' min ikun qiegħed irabbi jew assoċjazzjonijiet għat-trobbija skond ir-regolament 4 ta' dawn ir-regolamenti.

Metodi u kriterji skond il-proċedura fl-Att.

4. Skond il-ħtiġiet tal-Komunità Ewropea u l-proċedura stabbilita fl-artikolu 34(ċ) tal-Att, dan li ġej għandu jiġi stabbilit -

(a) il-kriterji għall-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet u assoċjazzjonijiet ta' min ikun qiegħed irabbi li jżommu u jistabbilixxu kotba tal-merħla;

(b) il-kriterji li jirregolaw id-dħul jew reġistrazzjoni fil-kotba tal-merħla;

(ċ) metodi għat-twettiq ta' monitoraġġ u verifikar tal-valur ġenetiku ta' nagħaġ u mogħoż ta' razza pura għat-tnissil; u

(d) il-kriterji għall-approvazzjoni ta' xi annimal għat-tgħammir għall-fini ta' użu tas-semen, l-ova jew l-embrijo tiegħu.

Żamma ta' lista ta' organizzazzjonijiet jew assoċjazzjonijiet ta' min ikun qiegħed irabbi.

5. L-Awtorita` kompetenti għandha tfassal u żżomm aġġornat lista ta' korpi kif imsemmi fir-regolament 3(b) ta' dawn ir-regolamenti, li jkunu uffiċjalment approvati għall-fini ta' żamma jew stabbiliment ta' kotba tal-merħla u li jkunu konformi mal-kriterji stabbiliti skond ir-regolament 4(a) ta' dawn ir-regolamenti u tara li tagħmel dan disponibbli għall-Istati Membri l-oħra u għall-pubbliku. Regoli dettaljati għall-applikazzjoni uniformi ta' dan ir-regolament jistgħu jiġu adottati skond il-proċedura msemmija fir-regolament 6 ta' dawn ir-regolamenti.

Ċertifikati li jkunu jakkumpanjaw nagħaġ u mogħoż ta' razza pura għat-tgħammir fil-ħin tal-bejgħ tagħhom.

6. Nagħaġ u mogħoż ta' razza pura għat-tnissil u s-semen, l-ova u l-embrijuni ta' dawk l-annimali għandhom ikunu akkumpanjati, fil-ħin tal-bejgħ tagħhom, minn ċertifikat żootekniku li jkunu mfassla skond il-mudell stabbilit skond il-ħtiġiet tal-Komunita` Ewropea u kull proċedura stabbilita skond l-artikolu 34(ċ) tal-Att.

Reati u pieni.

7. (1) Kull persuna li tonqos milli tkun konformi ma' dawn ir-regolamenti tkun ħatja ta' reat skond l-Att u l-applikazzjoni ta' piena amministrattiva skond l-artikolu 61 tal-Att għandha tapplika għall-persuna li tkun ħatja.

(2) Kull dritt mogħti lill-Awtorita` kompetenti taħt dawn ir-regolamenti biex tapplika dawk il-miżuri kollha neċessarji skond l-artikolu 61 tal-Att, għandu jkun mogħti lill-Awtorita` mingħajr preġudizzju għal proċeduri kriminali oħrajn li jistgħu jittieħdu taħt l-Att jew kull liġi oħra meta persuna twettaq xi reat billi tonqos mill tkun konformi ma' dawn ir-regolamenti.

Jirrevoka A.L. 291 tal-2003.

8. Ir-Regolamenti tal-2003 dwar Nagħaġ u Mogħoż għat-Tgħammir tar-Razza Pura qegħdin b'dawn jiġu revokati.